MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tal-21 ta' April, 2006

Numru 734/2005

Il-Pulizija
(Sp Joseph Agius)
vs
Paul Lungaro, iben Joseph,
imwieled iż-Żejtun fit-8 ta'
jannar, 1957

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli f'Dielja Flats, numru 66, Flat 2, Triq Antonio Micallef, Żejtun fit-30 ta' lulju, 2002 u fiż-żmien ta' qabel bħala l-persuna responsabbli għall-meter tal-elettriku fl-imsemmi fond, b'mezzi qarrieqa li bihom wieħed jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-meter, tal-kwantita' meħuda jew ikkunsmata fil-fond hawn fuq imsemmi u b'hekk ikkometta serq ta' dawl għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-ħin;

2. talli fl-istess ċirkostanżi għamel ħsara volontarja fl-istess meter tad-dawl għad-dannu ta’ l-istess Korporazzjoni.

Il-Qorti ġiet mitluba li f’każ ta’ kundanna tapplika l-provvedimenti ta’ l-artikolu 533 tal-kodiċi Kriminali dwar il-ħatra ta’ esperti.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta’ l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fit-30 ta’ Lulju, 2002 Salvino Lungaro, li hu
l-imputat, għamel rapport l-għassa taż-Żejtun li fi blokk ta’ appartamenti f’wieħed mill-meters kien hemm kaxxa sewda li ħasiba bomba.  Il-pulizija marret fuq il-post u sabet kaxxa sewda imwaħħla mal-meter li jirreġistra l-kosum ta’ l-elettriku.  Għalhekk, issejħu l-ħaddiema tal-Korporazzjoni Enemalta li ndunaw li dan hi apparat biex il-konsum ta’ l-elettriku ma jiġix reġistrat.
Illi l-imputat ġie msejjaħ mill-pulizija biex imur fuq il-post u meta ra din il-kaxxa hu ċaħad li kien waħħal tali kaxxa. Hu nforma lill-pulizija biex ukoll xehed quddiem l-espert imqabbad mill-Maġistrat Inkwirenti li l-meters kienu kollha ħdejn xulxin billi dan kien blokk ta’ erba’ appartamenti u garages.  Hu xehed li dawn l-appartamenti kienu kollha tal-familja iżda l-aħwa Lungaro kienu fil-Qorti minħabba l-wirt tal-ġenituri tagħhom.  Waqt l-aċċess l-imputat xehed li l-bieb ta’ barra kien ġie sgassat u li kien sab ċavetta ġdida ħdejn il-bieb tal-appartament tiegħu.  Xehed ukoll li ma tantx juża l-bieb ta’ barra għaliex hu għandu aċċess għal barra mill-garage li hu komunikanti mal-appartament tiegħu.

Illi waqt il-kors ta' l-inkjesta Salvino Lungaro ġie mitlub jagħti x-xhieda tiegħu iżda hu pprevalixxa ruħu mid-dritt tiegħu tas-silenzju għaliex jista' jinkrimina ruħu.

Illi l-espert mqabbad mill-Maġistrat Inkwirenti wasal għal konkluzjoni li ma kienx f'pozizzjoni jgħid jekk effettivament sarx serq ta' kurrent elettriku.

Illi mill-kumpless tal-provi prodotti jirrizulta ampjament li l-imputat ma kellhux xejn x'jaqsam ma din il-kaxxa sewda li terż ingnot waħħal mal-meter tad-dawl ta' l-appartament tiegħu.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkużi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------